MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 69/2005

**Michael Attard Holdings Limited gia' Michael Attard Limited**

**vs**

**H. P. Cole Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta' tlett elef, hames mija u tmintax –il Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM3,518.55,0), rapprezentanti import ta' hamsa u tletin (35) kambjala skaduta, accettati u firmati mis-socjeta' konvenuta;

2. Bl-ispejjez, u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sa-data tal-pagament effettiv;

Innotat li s-socjeta’ konvenuta gie regolarment notifikata kif jidher a fol erbgha (4) u baqghet kontumaci nonostante li fuq talba taghha stess inghatat perjodu sufficjentement twil li eventwalment gie prorogat biex tinghata l-opportunita’ li tipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha – izda inutilment;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi tramite r-rapprezentant legittimu taghha s-socjeta’ konvenuta obbliga ruhu ai termini ta’ hamsa u tletin kambjala enumerati numru 1 sa 35, favur is-socjeta’ attrici fl-ammonti hemm indikati, (ara fol 10 sa 27);

Illi s-socjeta’ konvenuta ma hallsitx l-ammonti hemm indikati lis-socjeta’ attrici nonostante li l-kambjali in dizamina kollha skadew;

Illi dawn il-kambjali kienu ghall-konsenja ta’ vettura mixtrija mill-istess socjeta’ konvenuta;

Ikkunsidrat;

Illi nonostante li giet anke rizervata udjenza appozita ghall-provi tas-socjeta’ konvenuta dan kien inutili ghaliex la dehret u lanqas ipprezentat xi xhieda;

In vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta’ attrici ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi, molto piu’, mentri kambjala hi addirittura prova tal-kontenut li hemm fuqha;

Ghaldaqstant, din il-qorti takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ghall-pagament tal-kambjali meritu ta' din il-procedura;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta H. P. Cole Limited biex thallas lis-socjeta' attrici Michael Attard Holdings Limited gia' Michael Attard Limited l-ammont ta' tlett elef hames mija u tmintax –il Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM3,518.50,0);

3. Bl-ispejjez u imghax dovuti skond il-ligi kontra l-istess socjeta' konvenuta.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------